MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru 1170/2009

PULIZIJA
SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT
VS
JONATHAN GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Grech ta’ 24 sena, iben Paul u Pauline nee’ Zammit imwieled Pieta’ fi 8 ta’ Gunju 1985, residenti Mayberry Flat 2, Triq Il-Hajt Ruman Hal-Safi u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 307185(M).

Illi huwa akkuzat:

1) Talli fid-29 t’Ottubru 2009 ghal habta ta’ 3.30p.m., u hinijiet wara gewwa l-fond [Labattery Wharf] sitwat f’Kordin Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ ikel ta’ trabi ghal

valur ta’ madwar 26.42 Euros minn container bin-numru SOCU 2904296, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta’ Lawrence Gatt minn Naxxar;
2) Akkuzat ukoll talli fid-29 t’Ottubru 2009 u/jew wara din id-data f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe ikel ta’ trabi b’kull mod li jkun, ndahal biex ibiegh jew imexxi l-imsemmija oggetti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta’ l-imputat (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat (a fol.10);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Jonathan Grech, hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) akkuza ta’ ricettazzjoni, stante illi hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza ta’ serq u li minnha tilliberah, u wara li l-Qorti rat Artikoli 261(b)(d), 263, 268, 278(2), 279, 280 u 281 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sittax (16)-il xahar

taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-fatt illi l-entita' tas-serq kien wiehed negligibli u in vista tal-fatt illi l-imputat huwa *a first offender* u li rregistra ammissjoni bikrija. Il-Qorti, di piu' tirrakkomanda illi l-imputat izomm l-impjieg tieghu.

In oltre', l-Qorti tordna li tintbaghat kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------